# Il-Konsagrazzjoni tal-Knisja Parrokkjali L-Akbar jum fl-istorja tar-Raħal

Minn Julian Bezzina



L-akbar jum fl-istorja tar-raħal tagħna kien it-22 t'April 1736, jum il-konsagrazzjoni tal-knisja parrokkjali u d-dedikazzjoni tagħha lil San Bartilmew. Dan għaliex il-konsagrazzjoni tal-knisja tfisser li meta l-antenati tagħna lestew id-dar t'Alla flimkien maċ-ċelebrant l-isqof Paolo Alferan de Bussan, u skont ir-rit solenni tal-knisja huma talbu lil Alla biex jinżel u joqgħod fiha. Hekk kien għamel Salamun meta lesta t-tempju ta' Ġerusalem madwar is-sena 960 qabel Kristu. Salamun dakinhar qal "Għalhekk jien bnejtlek dar fejn tgħammar, post fejn toqgħod għal dejjem" (Sl. 1.8.13). Hekk qalu missirijietna dakinhar.

Mis-seklu erbgħa, il-knisja bdiet tikkonsagra il-knejjes tagħha. L-isqof Eusebju ta' Ċesarea, l-istoriku kbir tal-knisja, jgħidilna li l-ewwel knisja li ġiet ikkonsagrata kienet dik ta' Tiru fis-sena 314wk u wara kienet dik li nbniet fuq il-qabar ta' Kristu fis-sena 335wk.

Sentejn biss wara li twaqqfet il-parroċċa tagħna fl-1610, l-ewwel kappillan Dun Ġwann Battista Chetcuti ta bidu għall-bini tal-knisja. Din inbniet fuq il-pjanta ta' Tumas Dingli u bdiet tinbena meta dan il-perit magħruf għall-bini tal-knejjes kellu biss dsatax –il sena. Huwa mexxa x-xogħol sa ma tlesta l-bini tagħha fl-1638. Iżda mbagħad kien fadal ħafna xogħol xi jsir fiha. Żgur iżda li din kienet bdiet tintuża qabel l-1675, għax il-knisja ta' San Ġwann Battista li kienet qed tintuża bħala l-parroċċa f'dak iż-żmien inħattet u nbniet mill-ġdid. Il-knisja parrokkjali inbniet fl-għola post tar-raħal. Il-qisien tagħha jew aħjar is-simetrija hija ħaġa li tiġbed il-għajn għalkemm il-bniedem kapaċi li wera l-ħila tiegħu kif żamm il-qisien tagħha jaqblu mal-parti l-oħra. Din il-faċċata nbniet ftit wara l-konsagrazzjoni tal-knisja.

Meta laħaq isqof ta' Malta Fra Paolo Alferan de Bussan fl-1728, dan sab ħafna knejjes parrokkjali lesti u għadhom mhux ikkonsagrati għalkemm kienu ġa tbierku u bdew jintużaw. Il-kappillan ta' dak iż-żmien li kien Dun Salvatore Zarb mir-raħal tagħna. Sa dakinhar tal-konsagrazzjoni hu kien għamel ħafna opri fil-knisja. L-aħħar opra tiegħu kienet l-artal maġġur ta' l-irħam flimkien mas-slaleb tal-konsagrazzjoni. B'hekk il-knisja issa kienet lesta għal dan il-jum kbir.

L-isqof ħareġ id-digriet tal-konsagrazzjoni u inġabu ir-relikwi mqaddsa tal-martri u dawn tqiegħdu fil-knisja ta' San Nikola għall-qima u tal-poplu. Skont ir-rit tal-konsagrazzjoni, tul il-lejl ta' qabel dan il-jum solenni, il-kleru u l-poplu jgħaddu l-lejl jitolbu u jaqraw is-salmi penitenzjali quddiem ir-relikwi mqaddsa. Il-kronista u kanċillier Dun Dumink Falzon ħallielna rapport ta' x'sar dakinhar.

Kmieni filgħodu l-isqof Fra Paolo Alferan de Bussan flimkien ma' Mons. Adrijanu Gurgion u Mons. Giuseppe Costantio ħallew ir-raħal tan-Naxxar u marru jaraw jekk il-knisja parrokkjali tagħna kienetx imħejjija sewwa biex tiġi ikkonsagrata. Imbagħad x'ħin joħorġu mill-knisja din tingħalaq u jibqa' biss id-djaknu ġewwa. L-isqof imbagħad flimkien mal-oħrajn mar fil-knisja ta' San Nikola mnejn tibda l-purċissjoni. Meta l-isqof jasal fil-pjazza jibda ibierek il-ħitan tal-knisja minn barra u malli jdur l-ewwel dawra hu iħabbat fuq il-bieb tagħha tlett darbiet bil-baklu u jgħid: Infetħu o bibien ewlenija, infetħu o bibien ta' dejjem ħa jidħol is-sultan tal-glorja. U d-djaknu jwieġbu minn ġewwa: Min hu dan? Id-djaknu hawnhekk jirrappreżenta lil San Pietru li f'idejh huma l-imfietaħ tas-sema. L-isqof iwieġbu: Huwa Alla qawwi u setgħan. Id-djaknu ma jiftaħx u l-isqof jerġa ibierek il-knisja minn barra u jħabbat mal-bieb. Id-djaknu jiftaħ il-knisja mat-tielet darba. Iċ-ċerimonja tal-konsagrazzjoni hija twila ħafna u ma jistgħax ikun li ngħiduha kollha iżda ngħidu biss li biex ibierek l-artal hu jagħmel taħlita ta' ilma, melħ, irmied u inbid (ilma Gregorjan) u jdur seba' darbiet ma' l-artal. Imbagħad jidilku biż-żejt tal-griżma, jpoġġi r-relikwi f'ħofra apposta f'nofs l-artal u jkaħħalha. L-istess jagħmel fejn hemm is-slaleb tal-konsagrazzjoni. Fl-aħħar jinħaraq ftit inċens fuq l-artal u jingħad talb lill-Ispirtu s-Santu. Wara l-artal jintrema u ssir il-quddiesa.

Waqt din iċ-ċerimonja jinqraw ħafna salmi penitenzjali u talb ieħor. Nafu li waqt il-quddiesa l-isqof għamel priedka u billi dan ma kienx jaf bil-Malti, din ġiet imfissra minn Dun Mikiel Angelo Mamo. Din iċ-ċerimonja hija mfakkar b'lapida fuq wieħed mill-pilastri maġġuri tal-knisja u tgħid: Dan il-bini li l-poplu devot ried jiddedika lil San Bartilmew Appostlu ġie ikkonsagrat mill-illustrissimu u reverendissimu Mons. Fra Paolo Alferan de Bussan skont ir-rit solenni għaxar t'ijiem qabel il-kalendi ta' Mejju, 1736. Ta' min ifisser li d-data hija miktuba kif kienu jiktbulha r-Rumani. Din tfisser li l-konsagrazzjoni saret għaxar t'ijiem qabel l-ewwel ta' Mejju 1736, jiġifieri it-22 t'April 1736.

